MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1154/2010

**Metamar Mermer Granit Madencilik Sanayi ve Ticaret A.S, socjeta` estera registrata f'Isparta, it-Turkija. bin-numru ta' registrazzjoni 209 004 93 73**

**vs**

**Bottega Del Marmista Ltd**
**(C – 31345)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkonsenjat lis-socjeta` ntimata fuq talba tal-istess socjeta` ntimata konsenja ta' materjal hemm indikat kif jirrizulta mill-fatturi relattivi prodotti in atti, komplessivament ammontanti

ghall-valur ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u disghin centezmu, (€29,557.90);

2. Illi wara diversi suppliki ghall-pagament is-socjeta` ntimata fuq riferita, hallset permezz ta' *cheque* indikat fl-istess rikors promotur li pero` gie ritornat lura u ma ssarrafx mill-bank hemm ukoll riferit;

3. Illi l-oghti ta' dan ic-*cheque* hu fih innifsu ammissjoni tal-ammont dovut, oltre l-*emails* tas-socjeta` ntimata li jikkonfermaw l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti u d-diversi weghdi li kienu wkoll ser jeffettwaw il-pagament dovut;

4. Illi nonostante dan u nonostante li nterpellata diversi drabi biex teffettwa l-pagament dovut, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

5. Illi stante li l-ammont de quo dovut hu cert, likwidu u dovut, il-kawza odjerna giet intavolata bl-abrevjazzjoni tat-termini;

Illi tenut kont tal-premessi sintetikament fuq esposti, s-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-qorti biex :

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tiddikjara lis-socjeta` ntimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont fuq indikat ghal konsenja in dizamina;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata thallas dan l-ammont fuq indikat lis-socjeta` rikorrenti, ghar-ragunijiet premessi;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-effettiv pagament;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-11 ta' Jannar, 2011, li permezz tieghu wara li kkonstatat li s-socjeta` ntimata ghandha risposti x'taghti ghat-talbiet

rikorrenti akkordat il-perjodu hemm prefiss biex jigu pprezentati r-risposti tal-istess socjeta` ntimata;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` ntimata datata l-31 ta’ Jannar, 2011, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament ir-rikors promotur hu irritu u null stante li kull min ikun parti f’kawza f’qorti f’Malta ghandu jkun prezenti fil-gurisdizzjoni Maltija kemm meta jigi pprezentat ir-rikors, kif ukoll matul il-process kollu u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kellha tagixxi hawn tramite madatarju jew prokuratur ordinarjament residenti Malta;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha ggib prova li ghandha personalita` guridika skont il-ligi;

3. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-materjal konsenjat ma kienx tal-kwalita` pattwita;

4. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti in dizamina ghandhom jigu ghalhekk michuda bl-ispejjez;

Rat il-verbal taghha datat l-10 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu ordnat it-trattazzjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` ntimata;

Rat ukoll il-verbal taghha datat l-1 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu awtorizzat li t-trattazzjoni fuq dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari jsiru permezz ta’ noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` ntimata datata t-18 ta’ Novembru, 2011;

Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti datata s-7 ta’ Dicembru, 2011;

Rat il-verbal tal-partijiet datat is-16 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghas-sottomissjonijiet skritti taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni preliminari tas-socjeta` ntimata tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

**A. Rigward il-prezenza tar-rikorrenti fil-gurisdizzjoni Maltija**

1. Illi r-rikors promotur odjern kien guramentat minn persuna ta' nazzjonalita` Torka;

2. Illi allura l-istess persuna de quo la hu cittadin Malti u lanqas residenti Malta;

3. Illi di piu`, l-istess persuna nvoluta fuq riferita lanqas jirrizulta li hu membru tal-Unjoni Ewropea;

4. Illi ghalhekk l-imsemmi persuna agixxa bi ksur tal-artikoli 180 (1) (a) u 181 (A) (2) tal-Kap 12;

5. Illi kif ritenut fil-kawzi citati mill-istess socjeta` ntimata jirrizulta li hu necessarju li biex socjeta` registrata barra minn Malta taderixxi l-qrati lokali permezz ta' rikors guramentat din ghandha tkun rapprezentata minn mandatarju jew prokuratur residenti f'Malta, li jrid jigi debitament awtorizzat bil-miktub biex jagixxi f'dan ir-rigward;

6. Illi allura biex socjeta` estera, u f'dan il-kaz – estra-komunitarja – tintavola u ssostni kawza fil-qrati lokali " … bilfors trid tkun rapprezentata minn persuna fizika jew morali li tkun tinsab fil-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati";

7. Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax li kien gie inkarigat mandatarju jew prokuratur biex jagixxi fl-interessi tas-socjeta` rikorrenti;

8. Illi tenut kont tal-lacuna fuq rizultanti jkun impossibbli li wiehed jinnotifika lis-socjeta` rikorrenti bl-atti; li tinforza s-sentenza li tista' tinghata jew, li tinforza t-taxxi li jistghu jkunu dovuti;

9. Illi ma jirrizultax li l-persuna li halfet ir-rikors promotur hi xi mandatarju jew prokuratur;

10. Illi ghalhekk il-procedura odjerna hi nulla ai termini tal-artikolu 789 tal-Kap 12;

**B. Il-Personalita` Guridika**

1. Illi s-socjeta` rikorrenti naqset iggib prova f'dan ir-rigward – prova, li kull entita` guridika obbligata tipprezenta kif per ezempju kkonfermat mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji li tistabbilixxi numru ghal kull socjeta` registrata maghha, liema numu obbligatorjament irid jigi ndikat fl-okkju a tenur tal-artikolu 174 (2) tal-Kap 12;

2. Illi fl-atti odjerni l-ebda prova ma tirrizulta f'dan ir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` rikorrenti rribattiet fir-rigward bil-mod segwenti:

**A. Rigward il-prezenza tar-rikorrenti fil-gurisdizzjoni Maltija**

1. Illi Calbay, il-persuna li kkonferma l-fatti kontenuti fir-rikors promotur bil-gurament tieghu, hu r-rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti, (ara fol 77);

2. Illi ghalhekk il-precett legali rikjest mill-artikoli 180 (1) (a) u 181 A (2) huwa sodisfatt;

## B. Il-Personalita` Guridika

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi regolarment kostitwita u hi registrata fl-Isparta *Chamber of Commerce and Industry* skont il-ligi Torka;

2. Illi l-formalizmu ezagerat hu ributtanti u l-atti ghandhom jigu salvati kif stabbilit fil-kawza Micallef vs Muscat tat-30 ta' Novembru, 2011, u mill-Qorti tal-Appell fil-kaz Formosa vs Zerafa, datata t-30 ta' Settembru, 2011;

Ikkunsidrat:

Illi din id-decizjoni hi limitata ghall-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` ntimata;

Illi dawn jirrigwardaw l-aspett proceduràli senjatament rigwardanti:

1. In-necessita ` tal-prezenza fil-gurisdizzjoni lokali tar-rikorrenti;

2. Il-personalita` guridika rikonoxxuta tal-istess socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-iskop tal-artikoli 180 u 181 tal-Kap 12 hu dak li jassikura l-prezenza kontinwa ta' rikorrenti fil-gurisdizzjoni lokali biex tassigura li l-process li jkun mibdi f'din il-gurisdizzjoni ma jigix stultifikat jew abbuzat mill-istess rikorrenti li jintavola procedura u jisparixxi, bil-konsegwenza li jhalli lill-intimat imdendel fil-limbu ghal diversi snin;

Illi r-rimedju postulat hu wiehed ghaqli u prattiku, billi gie mpost li bhala kondizzjoni *sine qua non* f'dawn is-sitwazzjonijiet ghandu jigi nominat mandatarju jew prokuratur nostran;

Illi din in-nomina la tinvolvi proceduri dispendjuzi u lanqas spejjez ezagerati imma l-effett riskontrat hu ferm aktar pozittiv stante li jassigura l-effettivita` tant necessarja biex tassigura l-progress procedurali mistenni u tigi evitata l-possibilita` ta' abbuz mill-process gudizzjarju da parte tal-partijiet;

Illi in vista tal-premess jirizulta li ai termini tal-artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, is-socjeta` rikorrenti hi kolpevoli li ma hatritx il-mandatarju jew prokuratur legislattivament rikjest, meta hi ntavolat il-procedura, u ssottomettietu biss tardivament u minghajr ma kienet awtorizzata tipprezenta dokumenti fil-procedura;

Ghaldaqstant, ghall-ekonomija tal-gudizzju, filwaqt li ser tirriserva l-pozizzjoni taghha fir-rigward tat-tieni eccezzjoni preliminari, takkolji din l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` ntimata u konsegwentement tiddikjara l-procedura odjerna nulla ai termini tal-artikoli fuq citati u tal-artikolu 789 tal-Kap 12, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------